20 ta' Ottubru, 1953.

Imħallfin :
Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà tar-Reġina *versus* Mikiel Azzopardi (*)

**Korruzzjoni ta' Minorenni — Post Publiku — Kwerela — Rinunzja — Verdett tal-Ġurati — Attijiet ta' l-Istruttorja — Att ta' l-Akkuża — Nullità — Estinzjoni ta' l-Azzjoni.**

*Jekk fuq akkuża ta' korruzzjoni ta' minorenni, bħala kommessa f'post publiku jew espost għall-publiku, il-ġurati jagħtu verdett ta' reità mingħajr il-kwalifika tal-post publiku, ir-reat ikun proċedibili bi kwerela tal-parti offiża, li hija rinunzjabili. Għaldaqstant, jekk*

*meta ġie preżentat l-att ta' l-akkuża kien hemm rinunzja tal-parti offiża, dik ir-rinunzja, attesa l-ineżistenza taċ-ċirkustanza tal-post publiku jew espost għall-publiku, eskluża fil-verdett tal-ġurati, iġġib l-improċedibilità ta' l-azzjoni, jew aħjar l-estinzjoni ta' l-azzjoni, u kwindi n-nullità tal-proċediment, kompriż l-att ta' l-akkuża.*

*Ir-rinunzja, darba magħmula u aċċettata, hija irretrattabili.*

Il-Qorti, — Rat id-digriet tagħha komposta minn Imħallef wieħed, fejn intqal li bl-att ta' l-akkuża nru. 9006 kontra l-akkużat ġiet dedotta l-akkuża talli f'post publiku jew espost għall-publiku, b'għemil żieni, ħassar persuna ta' taħt l-età, b'dan li d-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqetx l-età ta' tnax-il sena; li mid-dikjarazzjoni tal-ġurija jidher li l-akkużat, b'vot unanimi, ġie dikjarat ħati skond l-att ta' l-akkuża, eskluża ċ-ċirkustanza ta' fatt li d-delitt ġie magħmul f'post publiku jew espost għall-publiku; li skond l-art. 217 (3) tal-Kodiċi Kriminali, għad-delitt taħt dak l-artikolu ma jista' jieħed ebda proċediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża, salv dak li jingħad fl-istess dispost dwar l-ammissibilità tal-kwerela u dwar it-tmexxija ta' l-azzjoni "ex officio", liema l-aħħar kondizzjonijiet fil-każ ma jirrikorrux; li minn notamenti miżmuma mill-imħallef tal-ġudizzju jidher li missier is-suġġett passiv tar-reat, jew vittima, ienna li huwa kien irrinunzja għall-kwerela, u li in segwitu l-familja tiegħu kellha xi tgħid ma' l-akkużat, u kien għalhekk li mar jinsisti mal-Pulizija għall-prosekuzzjoni ta' l-azzjoni, u dana jingħad għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja; illi r-rinunzja għall-istanza privata tista' timporta, fil-każ taħt eżami, l-estinzjoni tal-azzjoni, b'mod li tqum il-kwistjoni jekk, fiż-żmien meta ġie mibdi l-proċediment istruttorju kontra l-akkużat, l-azzjoni penali kienetx jew le estinta mħabba n-nullità tal-atti.

(*) In segwitu għal din id-deċiżjoni, il-Qorti, presjeduta mill-Imħallef ordinarju (*Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.*), b'sentenza ta' l-istess jum 20 ta' Ottubru 1953, ħelset lill-akkużat u ordnat li jiġi minnufih liberat, billi l-att ta' l-akkuża ġie, b'dan id-digriet dikjarat null minħabba estinzjoni ta' l-azzjoni

jiet tal-istruzzjoni, u konsegwentement anki ta' l-istess att tal-akkuża li huwa bażat fuq l-attijiet ta' l-investigazzjoni msemmija; li r-soluzzjoni ta' puntijiet ta' liġi, u ta' fatt relativi għall-proċediment (art. 448 (3) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 12 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta) tappartjeni lil dina l-Qorti, kif ukoll in-nullità tal-att tal-akkuża tista' tiġi rilevata u miġjuba 'l quddiem mill-istess Qorti "ex officio" fi kwalunkwe stadju tal-ġudizzju qabel ma tingħata s-sentenza (art. 461 (2) ta' l-istess Kodiċi fuq ċitat); li d-deċiżjoni ta' kwalunkwe kwistjoni ta' nullità ta' l-att ta' l-akkuża jew ta' estinzjoni ta' azzjoni trid tiġi maqtugħa minn dina l-Qorti komposta minn tliet Imħallfin skond ma hemm maħsub fl-art. 502 tal-Kodiċi fuq imsemmi; u għalhekk, wara li rat l-art. 461 kombinat ma' l-art. 502 (2) u 402 (5) tal-Kodiċi fuq imsemmi, irrimettiet id-diskussjoni tal-kwistjoni fuq imsemmija u l-inkartament tal-kawża preżenti lil dina l-Qorti komposta minn tliet Imħallfin għad-deċiżjoni tagħha;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-inċident;

Ikkunsidrat;

Illi, ġa ladarba l-ġurati eskludew iċ-ċirkustanza tal-lok publiku jew espost għall-publiku, u kwindi r-reat sar perse-kwibili a kwerela "di parte", li hi rinunzjabili, u ġa ladarba mill-provi jidher li, meta ġie preżentat l-att ta' l-akkuża, kien hemm dak iż-żmien ir-rinunzja tal-parti offiża, għalhekk dik ir-rinunzja ġiebet, atteża l-ineżistenza taċ-ċirkustanza tal-lok publiku jew espost għall-publiku, konstatata fil-verdett tal-jury, l-improċedibilità ta' l-azzjoni, jew aħjar l-estinzjoni tagħha;

Illi l-fatt li l-parti leża, wara, irtirat ir-rinunzja, ma jgħodd xejn, għaliex ir-rinunzja, darba magħmula u aċċettata, hija irretrattabili, u kienet teżisti meta sar l-att ta' l-akkuża;

Illi, bħala konsegwenza, kien null il-proċediment, kompriż l-att ta' l-akkuża;

Illi hekk iddeċidiet din il-Qorti kolleġjalment komposta, f'każ li fih l-akkuża kienet tar-reat ta' approprjazzjoni indebita aggravata (mhux rinunzjabili), u kien hemm ir-rinunzja tal-parti leża, u mbagħad il-ġurati eskludew l-aggravanti bil-

E ddikjaraw l-akkużata ħatja biss ta' approprjazzjoni sempliċi, li hi rinunzjabili ("Rex vs. Loreta Cremona", 28—1—1918);

**Għal dawn il-motivi;**

**Tiddikjara null l-att ta'** l-akkuża minħabba l-estinzjoni **ta' l-azzjoni**, u terġa' **tirrimetti** l-każ għal din il-**Qorti kostitwita** mill-Imħallef ordinarju.